# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 4 ta' Frar 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1/2023**

## George Mifsud u Mary Mifsud

**v**

## Anthony Camilleri

**Fil-qosor**

1. Fl-2014, is-sinsjuri Mifsud xtraw żewġ porzjonijiet art fil-limit ta' Ħaż-Żebbuġ, artijet li kienu ilhom jinħadmu mis-sur Mifsud u l-familjari tiegħiu għal għexieren ta' snin. Huma jgħidu li parti minn dawn l-artijiet hi llum okkupata, mingħajr dritt, mis-sur Camilleri u, għalhekk, qiegħdin jitlolbu dikjarazzjoni li m'għandu ebda titolu fuq il-biċċa art in kwistjoni, u ordni konsegwenzjali għall-iżgumbrament tiegħu.

2. Is-sur Camilleri ressaq difiża[1] li fiha qal li (i) is-sinjuri Mifsud m'għandhomx interess ġuridiku fil-konfront tal-art indikata fid-diversi pjanti annessi mar-rikors ġuramentat għaliex il-kuntratt tal-akkwist tagħhom jirreferi għal biċċa art b'irjieħat differenti; (ii) fil-kuntratt tal-akkwist tas-sinjuri Mifsud, huma kienu eżentaw lin-nutar mill-eżami tat-titolu tal-art li xtraw u, għalhekk, in-nutar aċċetta d-deskrizzjoni tal-art li nxtrat mis-sinjuri

[1] Din il-kawża kienet tressqet b'talba li l-qorti tagħti sentenza b'dispensa ta' smigħ; iżda din i-talba ġiet miċħuda: ara verbal tal-31 ta' Jannar 2023

Mifsud b'referenza għal pjanta annessa mal-kuntratt immarkata kif skorrettement mis-sinjuri Mifsud; u (iii) mingħajr preġudizzju u għal kull buon fini, hu proprjetarju ta' medda art li tinkludi wkoll il-feles art in kwistjoni, fl-agħar ipotesi, b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizittiva, liema art ilha okkupata minnu b'bona fidi, għaż-żmien kollu meħtieġ skont il-liġi.[2]

**L-art in kwistjoni**

3. L-art li s-sinjuri Mifsud jgħidu li hi okkupata mingħajr titolu mis-sur Camilleri tidher bl-aħmar fuq il-pjanta li tidher hawn taħt.[3] Is-sur Camilleri jgħid li l-art hi tiegħu. L-art indikata bl-aħmar sejra, minn issa 'l quddiem, tissejjaħ l-"Art in Kwistjoni".




[2] Ara risposta ġuramentata, paġni 147 u 148

[3] Din il-pjanta ttieħdet min-nota ta' osservazzjonijiet tas-sinjuri Mifsud u qiegħda tiġi riprodotta hawn għaliex turi sewwa l-art in kwistjoni. Din il-pjanta mhix meqjusa li għandha valur probatorju. Il-qorti tosserva li din il-pjanta tidher li hi l-istess pjanta li tinstab f'paġna 16, iżda dik il-pjanta ma hemmx indikata fiha l-Art in Kwistjoni bl-aħmar. Ukoll l-artijiet l-oħra huma hemm indikati bil-kulur roża.

**Il-każ tas-sinjuri Mifsud**

*Il-kuntratt tal-2014*

4. Is-sinjuri Mifsud jistrieħu fuq akkwist li għamlu b'kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2014,[4] u fuq il-provenjenza tal-art mixtrija b'dak il-kuntratt, li huma jgħidu tinkludi fiha l-Art in Kwistjoni. B'dak il-kuntatt huma xtraw - mingħand Martin Debattista - żewġ porzjonijiet art deskritti hekk:

> Zewg porzjonijiet ta' art formanti parti mill-ghalqa ta' Bordin gieli maghrufa bhala ta' Bondin fil-kuntrata ta' Bordin, limit ta' Haz-Zebbug, Malta (u limiti tas-Siggiewi) liema zewg porzjonijiet huma divizi minn sqaq imsejjah 'ta' Bordin', wahda tal-kejl ta' cirka elfejn, tmien mija u erbgha u hamsin metru kwadru (2,854mk) kondinanti mil-Lvant u Nofsinhar mas-sqaq, u mit-tramuntanta in parti ma beni tal-eredi tas-Sacerdot Dun Filippo Bonnici u in parti ma' raba tal-eredi tal-Monsinjur Dun Isidoro Formosa jew l-aventi causa jew irjieh verjuri u aktar precizi u l-porzjoni l-ohra li fiha bir tal-ilma hija tal-kejl superficjali ta' cirka erba' mija u tlieta u disghin metru kwadru (493mk) konfinanti mil-Lvant mas-sqaq, min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi tal-Markis Paolo Apap Bologna u mil-Punent ma' raba ta' Carmelo Chircop jew irjieh verjuri u aktar precizi...

5. L-istess kuntratt jgħid li:

> Ghal kull buon fini wkoll site-plans li fuqha l-proprjetajiet in vendita fuq deskritti jinsabu markati bl-ahmar qed jigu hawn annessi bhala dokumenti ittri 'A' u 'B'.

[4] Ara Dok A, paġni 5 sa 11

6. Il-pjanta bl-ittra A hi din:




7. L-Art in Kwistjoni hi inkluża fl-art indikata fil-pjanta hawn fuq.

8. Il-pjanta bl-ittra B hi din:



9. Fost affarijiet oħra, il-kuntratt jgħid li l-artijiet kienu vakanti u li kienu ġew akkwistati mill-venditur b'kuntratt tal-4 ta' Mejju 1973; u li n-nutar kien eżentat milli jeżamina t-titolu u milli jagħmel rapport dwar l-istess.

*Il-kuntratt tal-1973*

10. Kif issemma, il-venditur fuq il-kuntratt tal-2014, is-sur Debattista, kien xtara l-artijiet li biegħ b'dak il-kuntratt b'kuntratt tal-4 ta' Mejju 1973. L-artijiet huma hemm deskritti hekk:

> ... zewg porzjonijiet ta' art formanti parti mill-ghalqa ta' Bondin fil-kuntrada ta' Bondin limiti ta' Haz Zebbug, Malta liema zewg porzjonijiet huma divisi bl-isqaq imsejjah 'ta' Bondi[n]' wahda tal-kejl ta' zewg titmien, tliet sieghan u kejla konfinanti mil-lvant u nofsinhar mas-sqaq, u mit-tramuntana ma' bani tal-eredi tas-Sacerdot Dun Filippo Bonnici in parti u in parti ma' raba tal-eredi tal-Monsinjur Dun Isidoro Formosa u l-ohra li fiha bir, tal-ilma, hija tal-kejl superficjali ta' cirka tliet sieghan u zewg kejliet, konfinanti mil-lvant mas-sqaq, min-nofsinhar ma' beni tal-eredi tal-Markis Paolo Apap Bologna, mill-punent ma' raba ta' Carmelo Chircop ...[5]

11. Pjanti ma dan il-kuntratt ma jidhirx li kien hemm.

*Il-kuntratt tal-1970 u d-diviżjoni tal-1928*

12. Jidher li l-venditur fuq il-kuntratt tal-1973, Giuseppe Micallef, kien xtara l-art mingħand Salvatore Gambin permezz ta' kuntratt tat-18 ta' April 1970.[6] It-titolu tas-sur Gambin jidher li joriġina minn diviżjoni fl-atti tan-nutar Dr Salvatore Borg tad-9 ta' Settembru 1928. F'dak l-att, d-deskrizzjoni hi din:[7]

> ... la clausura di terra ... in contrada ta Bordin ... e' formata di due porzioni disgiunte per mezzo di un Vicolo detto ta Bordin ... una della porzioni cioè la maggiore comprende una sola lenza ... dell'estensione superficiale di Tomola due, mondelli tre, e misura una.
>
> Confina da levante e mezzodi con Vicolo detto ta Bordin, da ponente con beni di [...][8] e da tramontana in parte con beni del Sac. Don Filippo Bonnici ed in parte con beni del Rev.mo Can. Mons. Isidoro Formosa.
>
> L'altra porzione cioè la minore comprende una lenza ... con pozzo di acqua piovana dell'estensione superficiale di mondelli tre, u misura due.

---

[5] Ara Dok E, paġna 59
[6] Ara Dok E, paġna 59
[7] Ara Dok AC3, paġni, 190 – 240. L-estratti huma minn paġni 224 (fuq wara) u 225 (fuq wara ukoll). Dan il-kuntratt tressaq mill-konvenut.
[8] Il-konfini f'dan il-punt tal-kuntratt fihom puntini. Għalhekk jidher li ma ngħatawx konfini mill-punent.

> Questa porzione confina da levante col Vicolo ta Bordin , da mezzodi con beni del Marchese Sig.r Paolo Apap Bologna, da ponente con beni di Carmelo [-][9] e ta Tramontana in parte con gli stessi beni di Carmelo ... ed in parte col Vicolo detto ta' Bordin.

13. Pjanti ma din id-diviżjoni ma jidhirx li kien hemm.

*Sfond tal-kuntratt tal-2014 u l-bidla fil-konfigurazzjoni tal-isqaq*

14. Is-sur Mifsud jgħid li qabel ma daħal għall-kuntratt tal-2014 hu u l-familja tiegħu kienu ilhom jaħdmu l-art li xtraw għal ħafna snin.[10] Jgħid ukoll li għalkemm is-sur Debattista (is-sid li mingħandu kienet imqabbla l-art, u l-bejjiegħ fuq il-kuntratt tal-2014) kien ġie avviċinat mis-sur Camilleri, li ried jakkwista l-art, is-sur Debattista għażel li jbiegħha lilu u lil martu.

15. Jgħid ukoll li '[s]nin ilu din il-parti [l-Art in kwistjoni] kienet tagħmel parti mill-għalqa ż-żgħira u kienet tinħadem ukoll mill-familja tiegħi.' Dan il-punt jispjegah ftit aħjar meta xehed, imsejjaħ mill-konvenut, fit-13 ta' Frar 2024. Il-punt hu indirizzat ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tas-sinjuri Mifsud b'dan il-mod:

> Jidher illi fiż-żmien, qabel is-sena elfejn u tnejn (2002), l-art in kwistjoni kienet tifforma parti mill-porzjon iż-żgħir tal-art (immarkat '*B'* f'*Figura 2*), mhux mill-porzjon il-kbir tal-art (immarkat '*A'* f'*Figura 2*) li tifforma parti minnu llum, allura kienet għalqa li tasal kważi sal-barumbara bl-isqaq imsejjaħ ta' Bordin kien idur magħha.
>
> Illi dan jidher ċar minn pjanta misjub f'paġna 6 tas-survey tal-art (*ippreżentat mar-rikors promotur, immarkat Dok. B*) fejn turi ż-żewġ porzjonijiet tal-art kif kienu ffurmati qabel, liema pjanta qed tkun riprodotta hawn taħt f'*Figura 3*. Għal fini ta' ċarezza iż-żewġ porzjonijiet ta' art qed ikunu immarkati b'burdura bil-kulur aħdar, flimkien mal-formazzjoni passata tal-isqaq *ta' Bordin*, immarkat bil-kulur roża, u l-konfini tal-istess artijiet mal-isqaq *ta' Bordin*, liema konfini huma mmarkati bil-kulur isfar.[11]

---

[9] Il-kuntratt jidher li hu nieqes il-kunjom tal-imsemmi Carmelo.
[10] Fir-rikors ġuramentat jissemmew 45 sena, imma dan ma ġiex ripetut fl-affidavit tas-sur Mifsud: ara paġni 140 – 141
[11] Nota tal-osservazzjonijiet tas-sinjuri Mifsud, paġna 264

16. Din hi Figura 2 li tissemma' fil-paragrafi li għadhom kif ġew riprodotti:



17. U din hi Figura 3:




**Il-każ tas-sur Camilleri**

18. Kif rajna, is-sur Camilleri jgħid li s-sinjuri Mifsud m'għandhomx interess ġuridiku fl-Art in Kwistjoni; li l-pjanti mal-kuntatt tal-2014 huma ħżiena; u li hu għandu titolu jew, fl-agħar ipotesi għalih, hu akkwista l-art bil-preskrizzjoni akkwiżittiva.

19. Fl-affidavit tiegħu,[12] is-sur Camilleri jgħid li hu s-sid ta' diversi biċċiet art li jinsabu fit-territorju magħruf bħala ta' Bordin; li hu kien għamel kawża ta' spoll kontra s-sinjuri Mifsud fir-rigward tal-Art in Kwistjoni, kawża li rebaħha kemm quddiem din il-qorti u kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell; li l-pjanti mal-kuntratt tal-2014 qatt ma kienu f'xi kuntratt imsemmija fil-provenjenza tal-art li xtraw is-sinjuri Mifsud; li n-nutar ġie eżentat

[12] Paġni 181 – 182

mir-riċerki u għalhekk is-sinjuri Mifsud ma jistgħux jippretendu li l-kuntratt hu prova ċara tat-titolu tagħhom; u li

> d-deskrizzjoni tal-art li suppost xtara George Mifsud indikata fil-pjanta "A" mhix dik li hemm deskritta kemm fl-istess kuntratt kif ukoll kif dejjem giet deskritta fil-kuntrattti ta' qabel. Dan ghaliex fil-kuntratti l-art tissemma li hija konfinata mill-Lvant u Nofsinhar mal-isqaq maghruf bhala "Ta' Bordin, mentri l-isqaq filfatt jinsab mal-Punent tal-art.
>
> Din id-deskrizzjoni tinstab f'kull kuntratt sakemm wasal ghall-kuntratt tan-Nutar Jurgen Galea, u ghalhekk jidher li dan ma sarx bi zball izda li in-Nutar segwa kelma b'kelma id-deskrizzjoni li sab.[13]

20. Waqt il-kontro-eżami tiegħu,[14] is-sur Camilleri (i) ċaħad li l-isqaq kellu, fi żmien, konfigurazzjoni differenti;[15] (ii) qal li proprjetajiet fl-inħawi ilhom għandu mill-bidu tas-snin 2000;[16] (iii) li jidħol għal artijiet oħra tiegħu fl-inħawi mill-Art in Kwistjoni;[17] (iv) li l-Art in Kwistjoni hi tiegħu;[18] (iv) li l-Art in Kwistjoni saret tiegħu għaliex xtraha bħala parti minn għalqa kbira, li nxtrat minnu mingħand is-sidien Zampa, Frank Zampa, li kien xehed fil-kawża tal-ispoll;[19]u (v) li l-uniku bir li hemm jinstab fuq il-biċċa art iż-żgħira mixtrija mis-sinjur Mifsud.[20]

21. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, is-sur Camilleri jgħid li l-grad tal-prova meħtieġa f'kawża bħal din hi dik li tissejjaħ *probatio diabolica*, jew prova tant diffiċli li hi magħrufa bħala djabolika. Jistrieħ fuq ġurisprudenza li tgħid li l-prova li jrid iressaq l-attur trid tkun 'kompleta, konklusiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut;'[21] u jgħid li s-sinjuri Mifsud ma rnexxilhomx jilħqu dan il-grad. Dan għaliex

> l-art li ghaliha ssir referenza fil-kuntratt ta' akkwist tal-atturi fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea, mhjiex dik li fir-rigward taghha l-atturi qeghdin jirrikjamaw it-titolu taghha, u li l-esponent ilu zmien twil jippossjedi u juza bhalikieku tieghu.[22]

---

[13] Paġna 182
[14] Is-sur Camilleri xehed ukoll dwar kwistjonijiet ta' pussess, li ma tqiesux wisq rilevanti f'dan il-kuntest.
[15] Paġna 246
[16] Paġna 247
[17] Paġni 247 – 249; u paġni 251 - 253
[18] Paġni 249 - 250
[19] Paġna 250
[20] Paġni 256 – 257; ara ukoll Dok JG1, paġna 185
[21] Ara, per eżempju, *Wisq Rev. Kan. Giuseppe Cassar noe -vs- Emmanuele Barbara et*, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' Ottubru 1980. Ara ukoll 745/1989 *Apap Bologna Sciberras d'Amico Inguanez v Sammut*, deċ. 28 ta' Marzu 2003 u l-ġurisprudenza hemm imsemmija.
[22] Nota ta' osservazzjonijiet tas-sur Camilleri, para. 17, paġna 280

**L-analiżi tal-qorti**

*Il-liġi*

22. It-teżi tas-sur Camilleri dwar il-prova meħtieġa f'kawżi bħal din tidher li tirrifletti l-ħsieb tal-ġurista F. Laurent.[23] Laurent kien tal-fehma li attur li jgħid li għandu titolu derivattiv (titolu mhux oriġinali)[24] irid jagħmel prova assoluta u mhux relattiva; jiġifieri mhux biżżejjed li juri li għandu titolu aħjar minn dak tal-konvenut. Dan sostnih għaliex, għall-kuntrarju tal-liġi kif kienet fi żmien ir-Rumani u anki kif kienet fi Franza qabel ma ġie promulgat il-Kodiċi ta' Napuljun, dak il-Kodiċi ma kienx jaħseb għal ebda eżenzjoni jew deroga, fir-rigward tal-azzjoni rivendikatorja, għar-regola ġenerali fl-artikolu 1315 li kien jgħid hekk:[25]

> Celui qui réclame l'exécution d'une obligation doit la prouver.
>
> Réciproquement, celui qui se prétend libéré, doit justifier le paiement ou le fait qui a produit l'extinction de son obligation.

23. Skont l-awtur Pacifici Mazzoni, il-fehma ta' Laurent ma kienitx dik prevalenti fost l-awturi u anki fil-ġurisprudenza: il-fehma prevalenti kienet is-segwenti -

> Ma una prova cosi rigorosa si concilia difficilmente con le esigenze pratiche; tantochè fu detta *probatio diabolica*; d'altra parte sembra che, giusta lo spirito di equità che informa la nostra legislazione, non possa pretendersi dall'attore, che la prova di un diritto migliore o più probabile di quello del reo convenuto.[26]

---

[23] F. Laurent, *Principii di Diritto Civile,* Volum 6, para. 169 *et seq.* Issa biex wieħed ikun ġust mal-awtur, wieħed irid jirrikonoxxi li hu kien konxju tad-diffikultajiet biex issir il-prova tat-titolu skont it-teżi tiegħu u aċċetta li kien hemm il-ħtiega li dawn id-diffikultajiet kellhom jiġi indirizzati. B'danakollu, il-fehma tiegħu kienet li din kienet kwistjoni li kellu jindirizzaha l-leġislatur: "Da quando in qua le esigenze della pratica hanno la potenza di derogare a testi di legge? Si aggiunge 'che sembra, al punto di vista dell'*equità*, non potersi reclamare del rivendicante che la pruova di un *diritto migliore* o più probabile di quello del convenuto'. Non rinviamo l'*equità* con le *esigenze della pratica* al legislatore; egli solo può darvi ascolto, l'interprete e incatenato dai testi e dai principî da essi formulati. Ecco perchè noi ricusiamo altresì in quest materia l'autorità di Pothier ..." (para. 169)

[24] Ara 548/2003*, Xuereb et v Aquilina et*, PA, deċ. 9 ta' Marzu 2011

[25] Laurent jiċċara li, fil-fehma tiegħu, dan mhux għaliex il-pussessur jgawdi preżunzjoni: "Vi è una legge la quale dichiari che il possessore si *presume* proprietario, e che questa presunzione prevale si il rivendicante no fa la pruova contraria? No, e ciò è decisivo." *Op. Cit.,* para. 160

[26] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile Italiano*, Libro II, paġna 42

24. U minn dan il-prinċipju ġew misluta dawn li jsejħilhom korollari tagħha:

> 1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprietà consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficientemente il suo diritto di proprietà; purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto ...[27]
>
> 2. Quando ambedue i litiganti producono titoli traslativi di proprietà e questi emanano dalla stessa persona, la preferenza è regolata dall'anteriorità della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi ...[28]
>
> 3. Quando l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e invoca soltanto atti antichi di possesso, o presunzioni, la presunzione di proprietà derivante da un possesso esclusivo e ben determinato del reo convenuto deve prevalere, per quanto possano esser gravi le circostanze di fatto militanti a favore dell'attore ...[29]

25. Kif jgħid is-sur Camilleri, hemm varji stqarrijiet fil-ġurisprudenza tagħna li jindikaw xaqliba lejn il-veduta tal-Laurent, tant li anki dubju ċkejken għandu jwassal biex ir-rivendikant jitlef il-kawża: il-liġi trid, skont dan il-ħsieb, iċ-ċertezza.[30]

26. Taqbel jew ma taqbilx miegħu, ir-raġunament tal-Laurent hu ċar: fil-fehma tiegħu il-Kodiċi jitlob prova mill-attur u dik il-prova, skont is-sistema Franċiża, ta' l-anqas kif jifimha hu, trid tkun ċerta. Il-raġunament ta' dawk li ma jaqblux hu ukoll ċar. Huma jgħidu, in effett, li d-dispożizzjoni li trid il-prova m'għandhiex tiġi interpretata daqshekk rigorożament fil-każ tal-azzjoni in kwistjoni, għaliex dak la hu prattiku u lanqas ekwu.

27. Ir-raġunament li wassal lill-qrati tagħna biex, ħafna drabi, ħadu l-veduta li ħadu mhux ċar. Filwaqt li, kif rajna, jingħad fihom li l-prova trid tkun kompleta, konklussiva u mingħajr l-iċken dubju, il-bażi ta' dan is-sejbien mhux artikolat. Hu ukoll possibbli li marru lil hinn minn dak li jgħid il-Laurent, għaliex ma tidhirx li hemm, fid-duttrina tiegħu, stqarrija li l-prova tat-titolu trid tmur lil hinn minn kull dubju. Li kieku kien hekk, il-prova kien ikollha tissejjaħ impossibbli, mhux djabolika.

---

[27] *Ibid.*
[28] E. Pacifici Mazzoni, *Istituzioni di Diritto Civile Italiano*, Libro II, paġna 43
[29] *Ibid.*
[30] Iżda, skont xi sentenzi, fejn ikun impossibbli li jintwera titolu oriġinali (jew tal-attur jew ta' xi awtur tiegħu), allura l-attur jista' juri titolu aħjar, u dan billi jaġixxi bl-*actio publiciana*, anki jekk fil-qafas ta' azzjoni bħal din. Dan hu partikolarment il-każ, imma milli jidher mhux dejjem il-każ, meta l-konvenut jiddefendi ruħu billi jgħid li għandu titolu: ara 548/2003, *Xuereb et v Aquilina et*, PA, deċ. 9 ta' Marzu 2011.

28. Aħna m'għandniex artikolu ekwivalenti għall-artikolu 1315 tal-Kodiċi ta' Napuljun fil-Kap. 16,[31] li jidher li hu l-bażi li fuqu jistrieħ il-Laurent; u li għalih awturi oħra jaraw li għandha ssir eċċezzjoni. Għalina, din mhix kwistjoni sostantiva, iżda proċedurali. Japplika l-artikolu 562 tal-Kap. 12, li jgħid li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah. Imma - sakemm il-liġi ma tridx grad ogħla - dan l-obbligu jiġi soddisfatt skont il-grad tal-prova f'kull kawża ċivili: jiġifieri fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet, jew il-preponderanza tal-provi. Ma hemm ebda dispożizzjoni li trid grad tal-prova ogħla għall-azzjoni rivendikatorja, wisq anqas grad li ma jeżisti fl-ebda kamp tad-dritt, lanqas dak tal-dritt kriminali.

29. Għalhekk, b'applikazzjoni ta' l-istess loġika legali li hi l-bażi tal-argument tal-Laurent fir-rigward tal-liġi Franċiża meta kien qiegħed jikteb (ċioè li fejn il-liġi ma tiddistingwix, mhux leċitu għall-qrati li jiddistingwu), għandna naslu għall-konklużjoni li, fil-liġi tagħna, fil-kwistjoni proċedurali tal-grad ta' prova li jrid jilħaq l-attur f'kawża rivendikatorja, japplika l-grad normali fil-kamp ċivili, għaliex ma hemm l-ebda liġi li trid grad ogħla, wisq anqas grad ta' ċertezza.[32] Dan għandu jkun indipendentement minn kif jiddefendi ruħu l-konvenut.

30. Issa għandha jew m'għandiex raġun il-qorti dwar sitwazzjoni fejn konvenut jistrieħ fuq il-pussess, il-ġurisprudenza tagħna ġa tirrikonoxxi li ħafna jiddependi mill-pożizzjoni li jieħu l-konvenut f'kawża bħal din. Jekk il-prova meħtieġa hi, fil-prinċipju, dik djabolika (jew agħar minn hekk), il-konvenut jista' jkun jaqbillu, kif jgħid il-Laurent, li jibqa' sieket:

> Finchè [l'attore] non fornisce questa pruova, il convenuto nulla ha a provare, ei può serbare il silenzio, e trionferà nella lite sol perchè il rivendicante non avrà pruovato ch'egli è proprietario.[33]

31. Iżda jekk il-konvenut iressaq difiża mibnija fuq allegazzjoni ta' titolu - derivattiv jew oriġinali - allura l-artikolu 562 tal-Kap. 12 japplika għalih ukoll; u f'tali każ il-kwistjoni

---

[31] Minflok, l-artikolu fil-Kodiċi tagħna li jista' jitqies li jikkorispondi, in kwantu biss fejn jinstab, għall-artikolu 1315 fil-Kodiċi ta' Napuljun, hu l-artikolu 1232(1) tal-Kap. 16, li jgħid li meta hu meħtieġ mil-liġi li l-obbligazzjoni jew it-tmien tagħha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova tal-obbligazzjoni jew tat-tmien tagħha tista ssir b'xhieda jew f'mezzi oħra magħrufin mill-Kap. 12.
[32] Dan apparti l-konsiderazzjoni li l-veduta tal-Laurent setgħet ma kienitx l-aħjar waħda, fi kwalunkwe każ, dwar il-Kodiċi ta' Napuljun. Kif rajna, ma tidhirx li kienet l-iktar waħda prevalenti, b'awturi bħall-Pothier u Aubry et Rau jieħdu veduta opposta. Però dan id-dibattitu, għalkemm akkademikament interessanti, forsi hu kemxejn irrilevanti għaliex, kif suġġerit hawn fuq, il-punt hu wieħed dwar tal-grad tal-prova meħtieġa, u l-liġi tagħna dwar dan l-aspett, ispirata mit-tradizzjoni Ingliża, tidher li, possibilment, hi differenti minn dik kif kienet fi Franza.
[33] F. Laurent, *loc. Cit.*, para. 160

dottrinali diskussa iktar 'l fuq tista' anki titqies li mhix ta' importanza, għaliex bid-difiża tiegħu jkun biddel kif għandhom jitqiesu l-provi.[34]

32. Irid jitqies ukoll li l-liġi proċedurali ma baqgħetx kif kienet fis-seklu dsatax: jiġifieri, tali li l-konvenut seta' jiddefendi ruħu billi jibqa' sieket dwar il-fatti. Mill-1934,[35] konvenut sar obbligat li, jekk iressaq risposta, din trid tkun fiha mhux biss l-eċċezzjonijiet li jidhirlu li għandu jressaq (fejn għandu għażla dwar x'linja ta' difiża jieħu), imma dikjarazzjoni ġuramentata dwar il-fatti, li fiha jrid jagħti l-pożizzjoni tiegħu billi jiċħad, jammetti jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward ta' dak allegat mill-attur.

*L-applikazzjoni tal-liġi għall-fatti*

33. Kif rajna, is-sur Camilleri m'għażilx li jibqa' sieket. Però fl-istess nifs, jippretendi li hu m'għandu bżonn iressaq l-ebda prova, mentri li s-sinjuri Mifsud għandhom mhux biss iressqu prova tat-titolu tagħhom, imma li tali titolu irid ikun wieħed perfett.

34. Iżda, la darba s-sur Camilleri għażel, permezz tat-tielet eċċezzjoni,[36] li jallega li għandu titolu fuq l-Art in Kwistjoni, allura hu qiegħed lilu nnifsu ta' l-anqas fl-istess pożizzjoni tas-sinjuri Mifsud; b'mod li l-eżerċizzju li trid tagħmel il-qorti jsir, jekk mhux dejjem hu, dak li tqies min mill-partijiet għandu l-aħjar pretensjoni fuq l-Art in Kwistjoni. Jingħad ukoll li, bid-difiża li ressaq, il-pożizzjoni tista' forsi tkun agħar minn hekk, jekk wieħed kellu jsegwi dak li ngħad fis-sentenza f'*Giuseppi Abela v John Zammit*.[37] Fiha ntqal hekk:

> …għall-azzjoni in rivendika … l-konvenut jista' jopponi eċċezzjonijiet moltepliċi … il-Qorti … tħoss li għall-finijiet tar-regolament tal-provi u min għandu jagħmilhom huma mportanti li jiġi valjat u eżaminat l-atteġġjament defensjonali prexelt mill-konvenut; l-għaliex, jekk l-istess ċitat jagħżel spontaneament li għall-azzjoni attriċi jeċċepixxi d-dritt ta' proprjetà, huwa jkun qiegħed impliċitament jirrikonoxxi d-dominju jew titolu tal-attur, iżda jkun qiegħed jgħid li t-titolu tiegħu huwa iktar validu, u kwindi, skont ir-regoli probatorji, 'reus in excipiendo fit actor', din id-difiża timporta li l-konvenut jgħaddi għall-provi tat-titolu tiegħu, u jekk ma jirnexxix fil-meritu, ikollha tipprevali l-massima 'melius est non habere titulum quam habere vitiosum'. Mill-banda l-oħra, jekk il-konvenut jittrinċera ruħu wara l-barriera tal-pussess, ikun jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu; u l-

[34] Jew, kif jitqies ukoll, ikun biddel in-natura tal-kawża għall-*actio publiciana*: ara 548/2003, *Xuereb et v Aquilina et,* PA, deċ. 9 ta' Marzu 2011. Fil-fehma tal-qorti dan kien mezz kif il-qrati sabu s-soluzzjoni prattika għall-problema li ħalqu huma stess. Ikun aħjar, fil-fehma tal-qorti, jekk tiġi addottata interpretazzjoni iktar ibbażata fuq id-dritt proċedurali tagħna, li tagħti ukoll soluzzjoni prattika għal kull każ, u li ma tiddependix fuq kif iġib ruħu l-konvenut.
[35] L-obbligu li l-konvenut jressaq il-verżjoni tiegħu tal-fatti daħal biss bl-emendi għall-Kap. 12 magħmula permezz tal-Ordinanza XXXI tal-1934.
[36] Paġna 148
[37] Kollezz. Vol. XLVI.I.619 (16 ta' Mejju 1962)

> konvenut, anki jekk ma jiġġustifikax it-titolu tal-pussess, imma jiddomostra l-mankanza ta' dritt tal-attur, għandu jissuċċiedi fl-eċċezzjoni;

35. Is-sur Camilleri jista' jgħid, b'ċerta forza, li l-inferenza f'*Giuseppi Abela v John Zammit* li allegazzjoni ta' titolu min-naħa ta' konvenut tfisser, impliċitament, rikonoxximent tat-titolu tal-attur m'għandux mis-sewwa, jew ta' l-anqas mhux dejjem japplika; u li żgur ma japplikax f'dan il-każ. Dan għaliex, kif jirriżulta mill-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu, hu espliċitament ma jaċċettax li s-sinjuri Mifsud għandhom titolu. Imma dan l-argument ma tantx jgħinu. Jibqa' li, għaliex ma straħx fuq il-pussess u għażel li jallega titolu – riżultanti jew minn akkwist jew, fl-agħar ipotesi, bi preskrizzjoni – hu jrid jagħmel il-prova tiegħu; u billi l-qorti għandha quddiemha żewġ partijiet li għandhom pretensjoni ta' titolu fuq l-art, ikollha bilfors tara min minnhom għandu l-aħjar pretensjoni, u mhux, kif jgħid is-sur Camilleri, tara jekk is-sinjuri Mifsud issodisfawx il-*probatio diabolica* (dejjem jekk dik hi l-prova li trid titressaq fejn il-konvenut jistrieħ fuq il-pussess).

36. Dan l-eżerċizzju mhuwiex wieħed diffiċli f'dan il-każ. Il-provi jwasslu għal dawn il-konklużjonijiet ċari: (i) li s-sur Camilleri ma għandux titolu ta' akkwist li jkopri l-Art in Kwistjoni; (ii) li s-sur Camilleri ma setax jippreskrivi għaliex, jekk il-perjodu hu dak ta' għaxar snin, m'għandux titolu; u jekk hu ta' tletin sena, il-pussess tiegħu ma jmurx daqshekk; u (iii) li l-provi fil-proċess juru li s-sinjuri Mifsud probabbilment akkwistaw l-Art in Kwistjoni bil-kuntratt tal-2014, u li l-art probabbilment kienet ilha f'idejn l-awturi tagħhom mill-1928.[38]

37. Nibdew bit-titolu li jippretendi li għandu s-sur Camilleri. Fl-eċċezzjonijiet hu jgħid, primarjament, li 'hu proprjetarju ta' medda art li tinkludi wkoll' l-Art in Kwistjoni. F'dak id-dokument ma jagħti ebda spjegazzjoni dwar kif sar proprjetarju tal-art li suppost tinkludi l-Art in Kwistjoni; u ma ressaq ebda dokument li fuqu jibbaża dan it-titolu. Lanqas ma ppreżenta ebda dokument tul il-proċess tal-ġbir tal-provi ħlief - jekk wieħed iqisu dokument - kopja tax-xhieda li ta' ċertu Frank Zampa fil-kawża ta' spoll; xhieda li niġu għaliha 'l quddiem. Fl-affidavit tiegħu, is-sur Camilleri mkien ma jgħid li l-Art in Kwistjoni hi tiegħu, u lanqas ma jirreferi għal xi att, jew mezz ieħor, kif l-Art in Kwistjoni saret tiegħu. Jgħid biss li l-'feles art ... ilha hafna fil-pussess tieghi'.[39] Iżda, waqt il-kontro-

---

[38] Dawn il-provi ma ressquhomx kollha s-sinjuri Mifsud. Il-kuntratt ta' diviżjoni tal-1928 ressqu s-sur Camilleri.
[39] Paġna 181

eżami tiegħu qal (i) li l-Art in Kwistjoni hi tiegħu; u (ii) li ġiet għandu għaliex xtraha mingħand Frank Zampa:

> Il-Qorti: Okay, mela ix-xhud qiegħed jgħid illi dik il-parti ta' fuq il-pjanta JG1 [paġna 183] li hija mmarkata b'outline iswed hija art, tiegħek dik?
>
> Ix-xhud: Tiegħi.[40]

38. Immedjatament wara, l-avukat tas-sinjuri Mifsud indirizza l-kwistjoni fid-dawl ta' dak li kien qal is-sur Camilleri fl-affidavit tiegħu:

> L-Avukat: Għidtilna li biċċa żgħira jekk forsi nista' nieħu spunt hija tiegħek umbagħad fil-affidavit għidilna li għandek il-pussess tagħha, liema l-vera li hija tiegħek?, jew għandek il-pussess tagħha?
>
> Ix-xhud: Le tiegħi.[41]

39. Dan wassal għall-kwistjoni tal-provenjenza:

> L-Avukat: Tiegħek, u kif ġiet tiegħek?
>
> Ix-xhud: Dik parti milli xtrajt l-għalqa l-kbira, dik parti mil-għalqa l-kbira
>
> L-Avukat: U minn fejn toħroġ din?
>
> Ix-xhud: Mill-kuntratt li xtrajt mingħand is-sidien Zampa, Frank Zampa xehed fil-kawża l-oħra, minn hemm toħroġ.
>
> L-Avukat: Minn hemm toħroġ
>
> Ix-xhud: Parti minn dak it-teritorju[42]

40. Iżda, kif rajna, dan il-kuntratt, jekk jeżisti, ma tressaqx. Lanqas tressaq is-sur Zampa, anki jekk ix-xhieda tiegħu ma kienitx tkun l-aqwa prova. Ukoll kif rajna, tressqet kopja tax-x-xhieda li kien ta s-sur Zampa fil-kawża ta' spoll.[43] Għar-raġuni li għadha kif ingħatat, il-qorti ma tistax tqis dik ix-xhieda bħala prova tat-titolu li jippretendi s-sur Camilleri, imma li kieku setgħet tqisha, kienet tasal għall-konklużjoni li s-sur Zampa ma biegħ ebda art lis-sur Camilleri, għaliex skont dik ix-xhieda hu kien biegħ art fl-inħawi lil ċertu sur Polidano, u mhux lis-sur Camilleri.[44]

---

[40] Paġni 249 - 250
[41] Paġna 250
[42] *Ibid.*
[43] Paġni 153 - 156
[44] Ara paġna 156

41. Il-konklużjoni ma tistax tkun ħlief waħda: li s-sur Camilleri ma ressaq ebda prova li għandu titolu li juri li akkwista l-Art in Kwistjoni.

42. Jekk induru issa għall-allegazzjoni sussidjarja ta' akkwist bil-mogħdija taż-żmien, insibu li fl-eċċezzjonijiet jgħid li hu proprjetarju tal-Art in Kwisjoni 'fl-aghar ipotesi, b'titolu ta' preskrizzjoni akkwizitiva, liema art ilha okkupata minnu *in buona fede*, ghaz-zmien kollu mehtieg skont il-ligi'.[45]

43. Kif imfissra, din donnha hi riferenza għall-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' għaxar snin,[46] li trid kemm titolu u kif ukoll il-bona fidi. Jekk inhu hekk, allura din l-eċċezzjoni ma tistax tirnexxi għaliex is-sur Camilleri ma ressaq l-ebda titolu. Jekk, għall-kuntrarju, is-sur Camilleri qiegħed jistrieħ fuq il-preskrizzjoni ta' tletin sena,[47] l-eċċezzjoni xorta ma' tirnexxiex, għaliex jekk wieħed kellu jistrieħ fuq dak li qal hu, il-pussess tiegħu ma jmurx lura iktar mis-sena 2001.[48]

44. Inħarsu issa lejn it-titolu tas-sinjuri Mifsud. Kif rajna, is-sinjuri Mifsud jgħidu li dan joħroġ mill-Kuntratt li bih xtraw żewġ porzjonijiet art fil-kuntrada ta' Bordin b'kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2014. Il-provenjenza ta' dawn l-artijiet tmur lura, skont l-atti li tressqu, sal-1928.

45. Billi t-tielet eċċezzjoni tas-sur Camilleri sejra tiġi miċħuda għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, il-qorti tista' anki tieqaf hawn, għaliex il-prova li ressqu s-sinjuri Mifsud hi bilfors aħjar mill-prova ineżistenti tas-sur Camilleri. Dan ifisser li l-qorti m'għandhiex bżonn tqis iktar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-sur Camilleri, billi bihom hu qiegħed jittenta biss jitfa dubju dwar it-titolu tas-sinjuri Mifsud; u anki jekk dan jeżisti, ma jfisser xejn f'dan il-każ minħabba f'kif iddefenda ruħu s-sur Camilleri.

46. B'danakollu, il-qorti xorta waħda sejra tagħti l-fehma tagħha dwar dak li allega s-sur Camilleri. Hu jgħid li l-artijiet li xtraw is-sinjuri Mifsud ma jinkludux l-Art in Kwistjoni:

> Illi minkejja l-provi dokumentarji pprezentati mir-rikorrenti f'dawn l-atti, jirrizulta *ictu oculi* li l-art li qed tigi deskritta fil-kuntratt ma' taqbilx fil-konfini taghha ma' dawk tal-bicca art

---

[45] Paġna 148

[46] Artikolu 2140 tal-Kap. 16. Fil-ġurisprudenza, jingħad li meta tingħata eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, irid jiġi indikat l-artikolu tal-liġi relevanti. Dan ma sarx mis-sur Camilleri u, għalhekk, l-eċċezzjoni tiegħu setgħet tiġi miċħuda fuq din il-bażi. Minflok, il-qorti sejra tiċħadha għal raġunijiet sostantivi.

[47] Artikolu 2143 tal-Kap. 16

[48] Kontro-eżami tas-sur Camilleri, smigħ tas-6 ta' Ġunju 2024, paġni 246 - 247

in kwistjoni kif jirrizultaw mill-pjanti annessi mal-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrenti, u cioe' mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea tas-27 ta' Ottubru 2014.[49]

47. Issa l-kejl taż-żewġ porzjonijiet ta' art u deskrizzjoni tal-konfini tal-art ma nbidlux mill-1928 'l hawn; ħlief li kejl issa hu mogħti f'metri kwadri minflok tomniet, sigħan u kejliet.

48. Sa fejn – skont il-każ tas-sur Camilleri - hu rilevanti, il-biċċa art il-kbira jingħad li tikkonfina mill-lvant u min-nofsinhar mal-isqaq Ta' Bordin; filwaqt li ż-żgħira jingħad li tikkonfina mill-lvant mal-isqaq. F'kull każ hemm il-kwalifika 'jew irjieh verjuri u aktar precizi'.

49. Issa hu minnu, kif jgħid is-sur Camilleri, li l-art il-kbira tikkonfina mal-isqaq mill-punent u mhux mil-lvant.[50] Tikkonfina ukoll mal-isqaq min-nofsinhar kemm jekk l-Art in Kwistjoni hi tas-sinjuri Mifsud, u kemm jekk hi tas-sur Camilleri. Imma, li kienet tikkonfina, min-nofsinhar, kemm mal-isqaq u kif ukoll ma' art tas-sur Camilleri (jew il-predeċessuri tiegħu), wieħed jassumi li dan kien, jew ta' l-anqas kellu, jissemma'.

50. Mill-banda l-oħra, il-biċċa art żgħira tmiss mal-isqaq mil-lvant.

51. L-indikazzjoni tal-isqaq fil-lvant minflok fil-punent kien żball jew inkella hi konferma, kif jgħid is-sur Camilleri, li l-art mixtrija mis-sinjur Mifsud hi art oħra? Fil-fehma tal-qorti, il-probabbilità hi l-indikazzjoni kienet żbaljata fil-kuntratt tal-1928 u dak l-iżball reġa' sar f'kull kuntratt sussegwenti, għaliex ħadd ma nduna bih. Li kieku ma kienx hekk, u kellu raġun is-sur Camilleri li l-iżball ifisser li l-art li xtraw is-sinjuri Mifsud hi art oħra, dan kien jolqot l-art kollha l-kbira, u mhux biss l-Art in Kwistjoni. Iżda hu ma jieħux l-argument tiegħu għall-konklużjoni loġika; anzi, in effett jirrikonoxxi t-titolu tas-sinjuri Mifsud għall-bqija tal-art il-kbira u anki t-titolu tagħhom fuq l-art iż-żgħira. Iktar importanti minn hekk, jidher li l-art il-kbira kienet ilha fil-pussess tal-predeċessuri tas-sinjuri Mifsud mill-1928, inkluża l-Art in Kwistjoni, sakemm ħa l-pussess tagħha s-sur Camilleri, f'xi żmien wara s-sena 2001.

52. Is-sinjuri Mifsud jilqgħu għall-kritika tas-sur Camilleri mhux billi jargumentaw li sar żball imma billi jgħidu li l-irjiħat huma tajba. Jgħidu ukoll li, sa xi snin ilu, il-konfigurazzjoni tal-isqaq kienet differenti, tant li l-Art in Kwistjoni kienet, oriġinarjament, tifforma parti

[49] Nota ta' osservazzjonijet tas-sur Camilleri, para. 10, paġna 278
[50] Ara pjanta paġna 16

mill-art iż-żgħira, mhux il-kbira, u li kien minħabba dan it-tibdil li l-irjiħat issa jidhru li fihom żball. It-teżi tagħhom hi spjegata f'Figura 3, riprodotta f'para 17, iktar 'l fuq. Is-sur Camilleri jiċħad li kien hemm dan it-tibdil.

53. Anki jekk hu minnu li kien hemm konfigurazzjoni differenti, fil-passat, tal-isqaq, l-argument li l-konfini kienu għal kollox tajbin skont il-konfigurazzjoni oriġinali, mhix konvinċenti. Dan għaliex li jingħad li l-art il-kbira tikkonfina mal-isqaq anki mil-lvant (ara Figura 3) hu impreċiż, jekk mhux żbaljat. Skont dik il-konfigurazzjoni, l-art il-kbira tikkonfina mal-isqaq min-nofsinhar u mill-punent, mhux mil-lvant. Jekk, minflok, wieħed joqgħod fuq il-konfigurazzjoni tal-lum, allura l-konfini tal-art il-kbira mal-isqaq jibqgħu il-punent u nofsinhar.[51] Fil-fatt, fiż-żewġ konfigurazzjonijiet, l-art il-kbira l-iktar li tikkonfina mal-isqaq hu mil-punent. Dan tant hu ċar li, fi-fehma tal-qorti, jikkonferma kemm kien żball fid-deskrizzjoni li sar fl-1928; żball li pperpetwa ruħu.

54. Kif intwera, it-teżi tas-sinjuri Mifsud dwar it-tibdil fil-konfigurazzjoni tal-isqaq ma tgħinhomx wisq biex tissolva l-kwistjoni tal-irjiħat. Imma dik it-teżi tispjega aħjar il-kejl taż-żewġ biċċiet art kif ittieħdu mid-diviżjoni tal-1928. Skont dak il-kuntratt, il-biċċa art il-kbira kien fiha żewġt itmien, tliet siegħan u kejla, li llum huma 2,829 mk.[52] Il-biċċa art iż-żgħira kien fiha tliet siegħan u żewġ kejliet, li llum huma 600 mk. Issa skont is-*survey* li tressaq mis-sinjuri Mifsud, il-kejl taż-żewġ porzjonijiet kif kienu (jekk wieħed jaċċetta li kien hemm tibdil fil-konfigurazzjoni) hu, rispettivament, 2,777mk u 597mk;[53] kejl viċin ħafna ta' dak fil-kuntratti l-antiki, u li jagħti ċerta saħħa għall-argument tas-sinjuri Mifsud dwar it-tibdil.

55. Iktar importanti minn hekk, il-kwistjoni tal-kejl hi importanti għaliex kienet x'kienet il-konfigurazzjoni, il-kejl totali tal-artijiet indikati f'kull kuntratt sa' mill-1928 hu viċin ħafna tal-artijiet kif mkejla, bl-Art in Kwistjoni inkluża fiha: jekk tiġi eskluża, ikun hemm avarija mhix żgħira. Din hi indikazzjoni oħra ċara li l-Art in Kwistjoni hi tas-sinjuri Mifsud.

---

[51] *Ibid.*

[52] Kejla jew misura tissarraf f'18.74mk; siegħ jew Mondello f'187.4mk; u tomna f'1,124mk: ara https://en.wikipedia.org/wiki/Maltese_units_of_measurement

[53] Ara paġni 14 u 15 (pjanta numerati 3/6 u 4/6)

**Deċiżjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti:

a. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-sur Camilleri in kwantu fiha eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwizittiva;

b. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-sur Camilleri in kwantu fiha jallega titolu għall-Art in Kwistjoni;

c. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-sur Camilleri;

d. Tilqa' t-tieni talba tas-sinjuri Mifsud u għalhekk tiddikjara li s-sur Camilleri ma għandu l-ebda titolu fur l-Art in Kwistjoni; u

e. Tilqa' t-tielet talba tas-sinjuri Mifsud u tordna lis-sur Camilleri jiżgombra mill-Art in Kwistjoni u jilliberaha minn kull materjal li hu għandu fuq l-Art in Kwistjoni fi żmien xahrejn mid-data ta' din is-sentenza.

Għall-finijiet tal-artikolu 222 tal-Kap. 12, il-qorti tfisser li jekk is-sur Camilleri ma jiżgombrax mill-Art in Kwistjoni jew jekk ma jilliberahiex minn kull materjal li hu għandu fuqha (jew it-tnejn) fiż-żmien lilu mogħti, is-sentenza għandha tiġi eżegwita permezz ta' mandat ta' żgumbrament maħruġ fuq talba tas-sinjuri Mifsud; u li s-sur Camilleri jħallas penali ta' €100 għal kull jum mill-ġurnata wara l-egħluq taż-żmien mogħti biex jiżgombra u jneħħi ħwejġu sad-data li fih ikun żgombra u neħħa ħwejġu kompletament, sew jekk volontarju u sew jekk forzat.

L-ispejjeż iħallashom is-sur Camilleri.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur